MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR
RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 908/2008

**Juliet Cassar K.I. 587774-M**

**Vs**

**Markus Bauermann
K.I. 47281-A**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Novembru 2008 fejn intalab li l-Konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' seba' mija tnejn u sittin euro (€762), rapprezentanti spejjes li hallset l-attrici ghal konvenut minn flusha oltre self ta' flus liema ammont baqa ma thallasx mill-konvenut ghalkemm huwa kien qabel li kienu dovuta minnu.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittri legali datati 14 ta' Ottubru 2008 u 28 ta' Ottubru 2008 u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug kontra l-konvenut u bl-imghax mid-

data ta’ kull versament rispettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-13 ta’ Frar 2009 fejn giet kontestata t-talba attrici in vista tal-fatt li:

(1) ma kien hemm ebda ftehim li huwa kellu jrodd lura l-beni konsenjati lilu mill-attrici u ghalhekk ma kien sar ebda self;
(2) Illi l-beni assenjati lilu mill-attrici kien sar animo domini u ghalhekk hija ma kienitx intitolata ghar-refuzjoni taghhom;
(3) Illi huwa ma kkawza ebda danni lill-attrici u kwalsiasi prova kuntrarja tinkombi fuq l-istess attrici;
B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Innota li ghalkemm il-konvenut inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu in sostenn tal-eccezzjonijiet minnu sollevati u in kontestazzjoni ghat-talba attrici, huwa naqas li jaghmel;

Innota wkoll illi ghalkemm il-konvenut inghata l-opportunita sabiex iqabbad konsulent legali ta’ fiducja tieghu wara r-rinunzja tal-patricinju tal-avukat li kellu, huwa baqa mhux biss ma qabbad lil hadd biex jirraprezentah izda l-anqas ma deher ghas-seduti quddiem dan it-Tribunal.

Ikkunsidra.

Illi bhal ma kif gia nghad, f’dan il-process tressqu biss il-provi da parti tal-attrici minnhabba n-nuqqqas ta’ l-istess konvenut. Dawn il-provi jikkonsistu f’diversi dokumenti esebiti mill-attrici u kif ukoll ix-xhieda taghha tramite l-procedura tal-affidavit. Fid-dikjarazzjoni guramentata, hija tispjega ta’ xiex u ghal xiex kienet qed tippretendi l-flus minnha rikjesti f’dina l-kawza. Illi l-kontenut ta l-affidavit taghha baqa ma gie kontestat minn ebda prova kontrarja u anqas fil-fatt ma giet kontro-ezaminata. Anzi Clifford

Arpa fl-affidavit tieghu jafferma li l-konvenut kien lissen diskors quddiemu li kien sejjer ihallas lill-attrici biss meta jkun konvenjenti ghalih.

Ghal dawn il-mottivi it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut kwindi jilqa’ t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma rikjesta ta’ €762 (seba’ mija tnejn u sittin euro) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------